

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12670/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0263 (NLE)**

**PROBA 31
AGRI 409
WTO 72
DEVGEN 142
FORETS 67**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 469 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 469 final.

Mehmuż: COM(2025) 469 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2025
COM(2025) 469 final

2025/0263 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-
2022 dwar il-Kafè**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè.

Il-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè (ICA jew “il-Ftehim”) għandu l-għan li jsaħħaħ is-settur dinji tal-kafè u jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tiegħu fuq livell ekonomiku, soċjali u ambjentali.

L-Unjoni Ewropea hija parti mill-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè tal-2007¹ u Membru tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè.

Fil-133 Sessjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè adotta t-test ta' Ftehim ġdid tal-2022 li jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2007.

Fid-diskussjonijiet dwar il-Ftehim il-Kummissjoni nnegozjat abbażi tal-mandat ta' negozjar u d-direttivi proposti mill-Kummissjoni² u approvati mill-Kunsill fit-28 ta' April 2021³.

Kien meħtieġ li jsir rieżami parzjali għar-riforma tal-ICA 2007, li bla dubju kien fl-interess tal-Unjoni biex il-Ftehim ikompli jiġi allinjat mal-prattiki li tippromwovi l-Unjoni f'bordijiet internazzjonali oħra tal-prodotti bażiċi, u jitqiesu l-iżviluppi fis-suq globali tal-kafè mill-2007. Il-Ftehim il-ġdid tal-2022 jaġġorna l-bilanċ tas-sistemi tal-votazzjoni u tal-kontribuzzjonijiet u jindirizza l-integrazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-ICO. Il-Ftehim il-ġdid iqis l-objettivi tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni filwaqt li jżomm in-natura intergovernattiva tal-ICO.

Fid-dawl tad-diskussjonijiet u l-kontenut tal-istrument il-ġdid, il-Kummissjoni tqis li l-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè għandu jiġi ffirmat.

Fis-27 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè approva l-estensjoni tal-ICA 2007 sal-1 ta' Frar 2028. Madankollu, l-ICA 2022 għandu jidħol fis-seħħ malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ proviżorju jew definittiv tiegħu, u b'hekk jintemm il-perjodu ta' estensjoni tal-ICA 2007.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Il-Ftehim ġie nnegozjat f'konformità mad-direttivi komprensivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill fl-28 ta' April 2021 dwar ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għal deċizzjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè bejn l-Unjoni Ewropea u l-Membri l-oħra tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè.

Il-Ftehim emendat huwa wkoll kompletament konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-Ftehim huwa kompletament konformi mal-Istrateġija tal-Global Gateway⁵. Tabilħaqq il-Global Gateway tirrappreżenta konnessjonijiet sostenibbli u fdati li jaħdmu għan-nies u għall-pjaneta. Tgħin biex jiġu indirizzati l-aktar sfidi globali urġenti, mill-ġlieda kontra t-tibdil fil-

¹ 2008/579/KE: Id-Deċizzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2007 ĠU L 186, 15.7.2008, p. 12.

² COM(2021) 374 final.

³ CM 4170/21.

⁴ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt.

⁵ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/stronger-europe-world/global-gateway_mt

klima, għat-titjib tas-sistemi tas-saħħa, u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista globali.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi ġuridika proposta hija l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

L-iffirmar ta' dan il-Ftehim ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija skont l-Artikolu 218(5) TFUE, li jipprevedi li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jawtorizzaw l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè għal kull sena finanzjarja se titħallas mill-istrument NDICI-Ewropa Globali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat il-Ftehim il-ġdid abbażi tal-mandat ta' negozjar u d-direttivi proposti mill-Kummissjoni¹ u approvati mill-Kunsill fit-28 ta' Lulju 2021².
- (2) It-test tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè ("il-Ftehim") ġie approvat mill-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè fil-133 Sessjoni Speċjali tiegħu fid-9 ta' Ġunju 2022.
- (3) Il-Ftehim ġie nnegożjat sabiex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali tal-2007 dwar il-Kafè ("il-Ftehim tal-2007"), li ġie estiż sal-1 ta' Frar 2028. L-Unjoni hija parti għall-Ftehim tal-2007³ u għalhekk huwa fl-interess tagħha li tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim li jissostitwixxi. Il-Ftehim il-ġdid tal-2022 jaġġorna l-bilanċ tas-sistemi tal-votazzjoni u tal-kontribuzzjonijiet u jindirizza l-integrazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tal-ICO. Il-Ftehim il-ġdid iqis l-oġettivi tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni filwaqt li jżomm in-natura intergovernattiva tal-ICO.
- (4) Għalhekk, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim⁴.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

¹ COM(2021) 374 final.

² CM 4170/21.

³ 2008/579/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2007 ĠU L 186, 15.7.2008, p. 12.

⁴ It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-konklużjoni tiegħu.

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President